# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 547/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Michael Mallia)

vs

**Priscilla Falzon**

bint Emmanuel, imwieleda Attard, fil-15 ta’ Novembru, 1978, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 0017579(M)

Illum, 25 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellata Priscilla Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli nhar is-27 ta’ Gunju, 2008 u fil-jiem ta’ wara din id-data, b’qerq fethet jew gieghlet li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai termini ta’ l-artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta' operatur postali, agixxiet bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skont id-disposizzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ksur sar ai termini ta' l-artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u lliberata minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-22 ta' Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-imputata appellata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-12 ta' Novembru, 2012, l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, ghamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata appellata mill-imputazzjonijiet miġjuba kontriha, nonche saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jinghad a priori li huwa pacifiku li kif gie ritenut mill-Qorti tal-Magistrati l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata appellata ghal reati li allegatament saru fis-27 ta' Gunju, 2008 u fil-jiem ta' wara jaqghu taht l-Att Dwar is-Servizzi Postali, Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Att kien gie emendat permezz ta' l-Att XII tas-sena 2010.

Illi madanakollu l-esponent huwa tal-umli fehma li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni zbaljata ta' din il-ligi u dan ghar-ragunijiet segwenti. Illi l-Qorti tal-Magistrati irriteniet illi ma tista' qatt issib htija ghal kummissjoni ta' fatt li llum ma ghadux jikostitwixxi

reat taht id-dritt penali taghna.[1] Bid-dovut rispett, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Illi fl-umli fehma tal-esponent din il-konkluzjoni hija bbazata fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi illi:-

> "(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, **fil-ħin meta jkun sar**[2], **<u>ma jkunx</u> jikkostitwixxi reat** bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."

Illi fil-kaz in ezami ghandu jkun pacifiku li <u>fiz-zmien meta sehh l-att in kwistjoni</u>, ossia fis-27 ta' Gunju, 2008 u fil-jiem ta' wara din id-data, <u>il-kummissjoni tal-fatt in kwistjoni[3] kien</u> minghajr ebda dubju <u>jikostitwixxi reat kriminali</u>. Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi u dan ghaliex ladarba l-att jew omissjoni in kwistjoni fil-hin meta saru, ossia fis-27 ta' Gunju, 2008 u fil-jiem ta' wara din id-data, kienu jikostitwixxu reat, allura setghat tinstab htija.

Illi *in oltre*, l-esponent jaghmel referenza wkoll ghall-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[4] li jipprovdi illi :-

---

[1] Ara Pagna 3 tas-sentenza

[2] Enfasi tal-esponent

[3] Li ser trattat aktar l-isfel

[4] Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta

**12.** (1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att[5] iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, ttħassir **m'għandux[6]** -

(*a*) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;

(*b*) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;

(*ċ*) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;

(*d*) **jolqot xi penali,** konfiska **jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali**, konfiska **jew piena bħal dawk**;[7]

(*e*) **jolqot kull** stħarriġ, **proċedimenti legali,** jew rimedju **dwar xi** dritt, privileġġ, obbligazzjoni, **responsabbiltà, penali,** konfiska, **jew piena kif intqal qabel, u kull** stħarriġ, **proċedimenti legali,** jew rimedju bħal dawk **jistgħu** jinbdew, **jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali,** konfiska **jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.[8]**

(2) Meta Att, sew jekk mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jemenda xi Att ieħor mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jew xi disposizzjoni ta' xi Att ieħor bħal dak, l-Att jew id-disposizzjoni hekk emendati kif ukoll kull ħaġa li saret

[5] Dan l-Att gie fis-sehh fis-sena 1975 u l-ahhar li gie emendat fis-sena 2009

[6] Enfasi tal-Esponent

[7] Enfasi tal-Esponent

[8] Enfasi tal-Esponent

taħthom jew bis-saħħa tagħhom, għandhom, kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju, jkomplu li jkollhom effett sħiħ, u għandhom hekk jibqgħu jseħħu kif emendati, u suġġett għat-tibdil magħmul, bl-Att li jemenda.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) "emenda" tfisser u tinkludi kull emenda, modifika, tibdil, alterazzjoni, żieda jew tħassir tkun liema tkun l-għamla jew il-mod li bihom isiru u jkunu kif ikunu mfissra, u tinkludi wkoll disposizzjoni li biha Att jew disposizzjoni tiegħu jkunu sostitwiti jew rimpjazzati, jew imħassra u sostitwiti jew imħassra u minflokhom issir disposizzjoni differenti.

Illi referenza ssir wkoll ghall-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li :-

**27.** Jekk il-**piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża** u **dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat**[9] ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.

Illi fl-umli fehma tal-esponent minn ezami tad-disposizjonijiet tal-ligi hawn fuq riferiti, l-ghan tal-legislatur kien (i) li persuna ma tinstabx hatja ta' reat meta l-att jew ommissjoni maghmula ma tkunx tikostitwixxi reat **<u>fil-waqt</u>** li jkun sar u (ii) li jekk il-piena stabbilita mill-ligi fiz-zmien ta' meta jkun sehh ir-reat u dik stabbilita mill-ligi fiz-zmien tal-kawza ikunu differenti, allura ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi.

Illi l-esponent jisottometti li dan ma humiex applikabbli ghall-kaz in dizamina u dan ghaliex :-

(i) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni dik li tikkoncerna l-kunsinna xierqa ta' oggetti postali, huwa pacifiku li din kienet tikostitwixxi reat fil-waqt li l-att jew l-ommissjoni kienet saret mill-imputata appellata. Illi ghal kull buon fini jinghad li din l-att jew

---

[9] Enfasi tal-Esponent

omissjoni ghada tikostitwixxi reat anke fil-ligi kif emendata u dan ghaliex ir-reat kostitwit permezz ta' l-artikolu 74 tal-Kapitolu 254 in vigore fiz-zmien tal-att jew omissjoni in kwistjoni, illum jinsab fl'artikolu 62(h) fl-istess Att kif emendat;

(ii) fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik li tikkoncerna d-dikjarazzjoni bil-gurament, l-esponent jirrileva wkoll li ghandu jkun pacifiku li l-ksur tad-dikjarazzjoni tal-gurament fiz-zmien meta sehh l-att jew l-omissjoni in kwistjoni kienu jikostitwixxu reat. Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-artikolu li jikostitwixxi r-reat huwa l-artikolu 75 li kien u ghadu *in vigore*. Illi ghalkemm huwa minnu li bl-emendi li saru fis-sena 2010, l-artikolu 30 dwar l-obbligu tad-dikjarazzjoni bil-gurament gie mhassar, il-kontenut ta' din id-disposizjoni, ossia l-obbligu tad-dikjrazzjoni bil-gurament ma giex imhassar mill-ligi, izda gie trasferit mill-Att ghar-Regolamenti Dwar Servizzi Postali Generali[10] (Ara Regolament Numru 7H) u allura l-obbligu tad-dikjarazzjoni bil-gurament xorta ghadu obbligu legali u ghadu vigenti. Illi l-artikolu 75 tal-Att principali li kien u ghadu vigenti jikostitwixxi reat li jolqot is-sustanza ta' dan l-obbligu u ghaldaqstant ladarba ma giex mibdul ghadu in vigore u kellu jigi applikat.

Illi l-esponent jissottometti li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi, u dan wassal sabiex l-istess Qorti m'għamlitx apprezzament xieraq tal-provi kollha prodotti u b'konsegwenza t'hekk, żbaljatament, illiberat lill-imputata appellata mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi fl-umli fehma tal-esponent, meta wieħed janalizza fid-dettall il-provi miġbura f'dan il-każ isib li l-elementi legali rikjesti sabiex wiehed jinstab hati tar-reati in kwistjoni jissusistu f'dan il-kaz u kellhom iwasslu sabiex tinstab ħtija fl-imputata appellata. Illi jirrizulta mill-provi li kien hemm nuqqas ta' konsenja ta' 25 ittra postali u dan bhalma jirrizulta mid-dokumenti ezebiti a fol 21 et seq tal-process u mix-xhieda ta' Rose Abela u David Gray. Illi jirrizulta wkoll anke mix-xhieda tal-istess David Gray li kienet l-imputata appellata li kienet responsabbli sabiex tqassam dawk l-oggetti postali u li hija kienet naqset li taghmel dan. Illi mix-xhieda ta' Rose Abela

[10] Avviz Legali 328 tal-2005, kif emendat bl-Avviz Legali 457 tal-2010. (Legislazzjoni Sussidjarja 254.01)

inserita a fol 44 tal-process jirrizulta li meta l-imputata appellata kienet giet mistoqsija sabiex taghti spjegazzjoni dwar dan, hija kienet taghat diversi ragunijiet, fosthom li kellha qadja l-water services u ma kinetx ser tlahhaq u li fil-passat ma thallsitx ta' xi overtime. Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent jirrizulta bic-car illi l-imputata appellata kienet taf li kellha tqassam dawk il-hamsa u ghoxrin oggett postali u nonostante dan, hija naqset li tikkonsenjahom kif kienet obbligata li taghmel, u pruvat tiggustifika dan in-nuqqas meta giet mistoqsija dwaru. Illi dan l-agir kien jikostitwixxi r-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex jirrizulta li l-imputata appellata b'qerq keienet ghamlet att jew omissjoni li bih il-kunsinna xierqa ta' oggetti postali giet impeduta jew imtawwla. Illi jirrizulta wkoll li kien hemm ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li kull ufficcjal ta' operatur postali jaghmel qabel ma jibda jaqdi d-dmirijiet tieghu u ghaldaqstant jissusisti wkoll ir-reat kontemplat taht l-artikolu 75 tal-Att Dwar is-Servizzi Postali.

Illi ghaldaqstant meta wieħed jaghrbel il-provi imresqa f'dan il-każ, isib li fil-każ in ezami, legalment u raġonevolment l-imputata appellata kellha tiġi misjuba ħatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u dan ghaliex dawn l-istess akkuzi gew pruvati oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.  Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li

kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti qrat u fliet bit-reqqa s-sentenza mogghtija mill-ewwel Qorti u minghajr ebda tlaqliq jaqbel perfettament mal-konkluzjonijijet milhuqa minn dik il-Qorti.

Illi mid-data tal-ewwel sentenza sal-lum, il-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta garrab emendat ohra fis-sena 2014 bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru VIII ta' dik is-sena li fost emendi ohra hassret l-artikolu 75 ta' din il-ligi.

Illi l-Avukat Generali qed jibbaza wiehed mill-argomenti tieghu fuq l-artikolu 75 li llum ma ghadux in vogore. Hu principju assodat fis-sistema taghna tad-dritt li l-ligi l-aktar favorevoli ghandha tapplika u ghalhekk it-thassir ta' dan l-artikolu jgib fix-xejn l-argumenti tal-appellant.

Illi minbarra dan, l-appellant qed jaghmel referenza ghar-regolament numru 7H tar-Regolamenti Dwar Servizzi Postali (Generali) {A.L. 328 ta' l-2005, kif emendat} li ma ghandu xejn jaqsam mal-materja in diskussjoni.

Illi l-kumplament tal-appell jirrigwarda apprezament ta' provi u din il-Qorti hi sodisfatt li l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.